**A.L. 50 ta' l-1980**

## ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

### Ordni ta' l-1980 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprejà) (Ordni Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

**1.** Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 2).

Proprietà speċifikata.

**2.** Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit

**3.** Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-16 ta' Mejju, 1980.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

**4.** Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ħ'Attard li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 1 sa 9 tal-kejl ta' madwar 1720 metru kwadru li tmiss mill-Grigal, mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ħal Kirkop:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 23 sa 39 tal-kejl ta' madwar 3719-il metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' triq ġdida proġettata, mix-Xlokk ma' triq pubblika mingħajr isem, u mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' żewġ toroq ġodda proġettati;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 41 sa 51 tal-kejl ta' madwar 1857 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' żewġ toroq ġodda proġettati;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 40, 52 u 53 tal-kejl ta' madwar 857 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' triq pubblika mingħajr isem.

(ċ) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Fleur-de-Lys li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 35 sa 48 u 51 sa 66 tal-kejl ta' madwar 6296 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(d) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Mellieħa li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 107 tal-kejl ta' madwar 161 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar, mil-Lbiċ ma' triq pubblika mingħajr isem u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Francis Vella.

(e) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Mosta li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 66 sa 95, 109 sa 136 u 150 sa 177 tal-kejl ta' madwar 19540 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana parti ma' triq ġdida mingħajr isem fi Triq il-Mitħna l-Qadima u parti ma' żewġ toroq ġodda mingħajr isem, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' parti minn Triq il-Mitħna l-Qadima.

(f) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tan-Naxxar:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 37 tal-kejl ta' madwar 137 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika mingħajr isem, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur George Fenech u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Mario Mifsud;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 55 tal-kejl ta' madwar 135 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika mingħajr isem u mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 86 tal-kejl ta' madwar 152 metru kwadru li tmiss mix-Xokk ma' triq ġdida proġettata, mill-Grigal parti ma' proprjetajiet tas-Sur Emanuel Sammut u tas-Sur Anthony Attard u parti ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur John Sammut.

(ġ) Biċċa art fil-Pietà li hi magħmula minn *plots* magħrufa bħala *Plots* Nri. 1 sa 12 tal-kejl ta' madwar 3294 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mill-Punent u mil-Lvant ma' toroq ġodda mingħajr isem.

(ħ) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Qrendi:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 70 sa 90 tal-kejl ta' madwar 5251 metru kwadru li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Rosario Magro, mix-Xlokk parti ma' proprjetà tas-Sur Saviour Farrugia u parti ma' proprjetà tas-Sur Joseph Schembri u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 48 tal-kejl ta' madwar 190 metru kwadru li tmiss mill-Grigal parti ma' triq pubblika mingħajr isem u parti ma' proprjetà tas-Sur Emanuel Ebejer, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Michael Farrugia u mix-Xlokk ma' triq pubblika mingħajr isem.

(i) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ħal Safi li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 1 sa 45 tal-kejl ta' madwar 1.0056 *hectares* li tmiss mill-Grieg it-Tramuntana u minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern, u mix-Xlokk u mill-Majjistral it-Tramuntana parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' triq pubblika mingħajr isem.

(j) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' San Ġiljan li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 3A u 3B tal-kejl ta' madwar 540 metru kwadru li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Henry Galea, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Joseph A. Xerri u mix-Xlokk ma' triq pubblika mingħajr isem.

(k) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ta' Xbiex:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 39 u 40 tal-kejl ta' madwar 640 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, minn Nofs in-Nhar parti ma' proprjetà ta' Saltfish Co. Ltd. u parti ma' triq pubblika mingħajr isem u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Testaferrata Moroni Viani;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 43 u 54 tal-kejl ta' madwar 670 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mill-Grigal u minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' triq pubblika mingħajr isem;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 68 sa 70 tal-kejl ta' madwar 926 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' Abate Rigord Street, minn Nofs in-Nhar parti ma' Abate Rigord Street u parti ma' proprjetà tal-Gvern;

(iv) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 71 tal-kejl ta' madwar 263 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, mix-Xlokk ma' triq pubblika mingħajr isem u mill-Punent parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' triq pubblika mingħajr isem;

(v) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 72 tal-kejl ta' madwar 326 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' triq pubblika mingħajr isem u mill-Punent parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' triq pubblika mingħajr isem.

(l) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern taż-Żurrieq li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 1 sa 32 tal-kejl ta' madwar 10194 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' triq pubblika mingħajr isem.

(m) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tax-Xagħra, Għawdex li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 79 sa 101 tal-kejl ta' madwar 5250 metru kwadru li tmiss mill-Grigal u mix-Xlokk ma' triq pubblika mingħajr isem u mil-Lbiċ ma' Vjal it-8 ta' Settembru.

(n) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tax-Xewkija, Għawdex, li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 1 sa 24 fi Blokk 5 u *Plots* Nri. 1 sa 24 fi Blokk 6 tal-kejl ta' madwar 13339 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(o) Id-djar li ġejjin fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Marsa:

(i) Id-djar numri 13 u 14, Triq Xemxija, il-Marsa;

(ii) Id-djar numri 15 sa 28, Triq il-Jum, il-Marsa.

(p) Id-djar li ġejjin fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Santa Lucia:

(i) Id-dar numru 122, Triq Fresia, *Estate* tad-Djar tal-tal-Gvern, Santa Lucia;

(ii) Id-dar numru 23, *Neighbourhood* II, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Santa Lucia.

(q) Id-dar numru 18, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, l-Imġarr, Malta.

(r) Id-dar numru 4, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, ir-Rabat, Malta.